MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 446/2013

FGL **Entertainment Limited [C-41655]**

**Vs**

**Marika SAMMUT MERCIECA [ID. Nru. 489671M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-23 ta' Lulju, 2013** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' mitejn sitta u ghoxrin euro [€226] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "1. Illi l-intimata akkwista minghand is-socjeta attriċi merkanzija, liema merkanzija ġiet ikkonsenjata lilha;
>
> 2. Illi l-konvenuta naqset milli thallas il-bilanc ta' mitejn sitta u ghoxrin Ewro (€226.00) dovut minnha ghall-prezz tal-merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata;

3. Illi nonostante l-fatt li l-konvenuta kienet interpellata diversi drabi sabiex thallas hija baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

GHALDAQSTANT, is-socjeta attriċi qieghda titlob lil dana it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' mitejn, sitta u ghoxrin Ewro (€226.00) oltre l-imghax dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimata giet debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna fit-12 ta' Frar, 2014, ma kkontestatx it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-12 ta' Marzu, 2014 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-12 ta' Marzu, 2014 u l-fatt li l-intimata naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' mitejn sitta u ghoxrin euro [€226], bl-imghax jibda jiddekorri fuq dan l-ammont mid-data tal-prezentata tat-Talba odjerna u cioe mit-23 ta' Lulju, 2013.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimata fl-intier taghhom.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------